

Brussell, 23 ta' Lulju 2026
(OR. en)

12164/26

DENLEG 82
FOOD 110
SAN 612

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Kummissjoni Ewropea
data meta waslet:	22 ta' Lulju 2026
lil:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
Nru dok. Cion:	D114902/02
Suġġett:	REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... ta'XXX li jemenda l-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u l-Anness tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 231/2012 rigward l-użu tal-kurdlan

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument D114902/02.

Mehmuż: D114902/02



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, **XXX**
PLAN/2025/2946
[POOL/E2/2025/2946/2946 EN.docx]
D114902/02
[...](2026) **XXX** draft

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta'XXX

li jemenda l-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u l-Anness tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 231/2012 rigward l-użu tal-kurdlan

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta'XXX

li jemenda l-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u l-Anness tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 231/2012 rigward l-użu tal-kurdlan

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1333/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar l-addittivi tal-ikel¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 10(3) u l-Artikolu 14 tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1331/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 li jistabbilixxi proċedura ta' awtorizzazzjoni komuni għall-addittivi tal-ikel, l-enżimi tal-ikel u l-aromatizzanti tal-ikel², u b'mod partikolari l-Artikolu 7(5) tiegħu,

Billi:

- (1) L-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 jistabbilixxi lista tal-Unjoni tal-addittivi tal-ikel approvati għall-użu fl-ikel u l-kundizzjonijiet tal-użu tagħhom.
- (1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 231/2012³ jistabbilixxi l-ispeċifikazzjonijiet għall-addittivi tal-ikel elenkati fl-Annessi II u III tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008.
- (2) Skont l-Artikolu 3(1) tar-Regolament (KE) Nru 1331/2008, il-lista tal-Unjoni tal-addittivi tal-ikel u l-ispeċifikazzjonijiet għall-addittivi tal-ikel jistgħu jiġu aġġornati jew fuq inizzjattiva tal-Kummissjoni jew wara applikazzjoni minn Stat Membru jew minn parti interessata.
- (3) F'Settembru 2016, tressqet applikazzjoni lill-Kummissjoni għall-awtorizzazzjoni tal-użu tal-kurdlan bħala ġelifikant, aġent li jissoda, stabbilizzatur u aġent li jgħaqqad f'varjetà wiesgħa ta' kategoriji tal-ikel. Wara dan, l-applikazzjoni saret disponibbli għall-Istati Membri skont l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1331/2008.
- (4) Il-kurdlan huwa polisakkarid lineari b'piż molekulari għoli bi proprjetajiet ta' ġelifikazzjoni termali, prodott bil-fermentazzjoni mir-*Rhizobium radiobacter* biovar 1 tar-razza NTK-u. Jifforma ġelijiet irreversibbli tat-tip "high-set" meta jissaħħan f'sospensjoni milwiema f'temperaturi oġhla minn 80 °C, u ġelijiet riversibbli tat-tip "low-set" meta jissaħħan f'sospensjoni milwiema f'temperaturi bejn 55 °C u 65 °C u mbagħad jitkessaħ għal ≤ 40 °C. Il-kurdlan huwa maħsub biex jintuża bħala aġent li jissoda, aġent ġelifikant, stabbilizzatur u aġent li jgħaqqad f'varjetà wiesgħa ta'

¹ ĠU L 354, 31.12.2008, p. 16, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2008/1333/oj>.

² ĠU L 354, 31.12.2008, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2008/1331/oj>.

³ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 231/2012 tad-9 ta' Marzu 2012 li jistabbilixxi l-ispeċifikazzjonijiet għall-addittivi tal-ikel elenkati fl-Annessi II u III tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 83, 22.3.2012, p. 1), ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2012/231/oj>.

kategoriji tal-ikel biex itejjeb il-proprjetajiet strutturali tagħhom, il-kapaċità tagħhom li jżommu l-ilma u l-istabbiltà termali tagħhom, bħat-taljarini, id-dumplings, il-prodotti tal-laħam ipproċessat, il-pejsts tal-ħut, il-kejkijiet, iz-zlazi, is-sopop, it-tofu pproċessat u s-snacks.

- (5) Fl-opinjoni ppubblikata fid-9 ta' Settembru 2024⁴, l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel ("l-Awtorità") evalwat is-sikurezza tal-użu propost tal-kurlan bħala addittiv tal-ikel. Minkejja l-limitazzjonijiet innotati fis-sett tad-data, l-Awtorità setgħet tivvaluta s-sikurezza billi tapplika l-approċċ tal-marġni ta' esponiment (MOE) u kkonkludiet li ma hemm l-ebda tħassib dwar is-sikurezza għall-użu tal-kurdlan bħala addittiv tal-ikel fl-użi u fil-livelli tal-użu proposti.
- (6) Għalhekk jixraq li jiġi awtorizzat l-użu tal-kurdlan bħala addittiv tal-ikel u li jiġi assenjat E 424 bħala n-numru E lil dak l-addittiv.
- (7) L-ispeċifikazzjonijiet għall-kurlan (E 424) jenħtieġ li jiġu inklużi fl-Anness tar-Regolament (UE) Nru 231/2012 billi dan l-addittiv huwa inkluż għall-ewwel darba fil-lista tal-Unjoni tal-addittivi tal-ikel stabbilita fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008.
- (8) Għaldaqstant, jenħtieġ li r-Regolamenti (KE) Nru 1333/2008 u (UE) Nru 231/2012 jiġu emendati kif xieraq.
- (9) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 huwa emendat f'konformità mal-Anness I ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

L-Anness tar-Regolament (UE) Nru 231/2012 huwa emendat f'konformità mal-Anness II ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kummissjoni
Il-President

⁴ Il-Bord tal-EFSA dwar l-Addittivi tal-Ikel u l-Aromatizzanti (2024). Safety evaluation of curdlan as a food additive. *EFSA Journal*, 2024;22:e8985, <https://doi.org/10.2903/j.efsa.2024.8985>.

